



2020/2039(INI)

7.12.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar it-treġġiġħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE li jużaw l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni (2020/2039(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mazaly Aguilar

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il- Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill- Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra r-rapport adottat mill-Kummissjoni Ewropea fis-17 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tat-tibdil demografiku fl-Ewropa,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2017 dwar l-użu ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni mir-reġjuni biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku¹,
- A. billi r-reġjuni tal-Ewropa bħalissa qed iħabtbu wiċċhom ma' tibdil demografiku kbir bħal rata baxxa ta' twelid, rata għolja ta' mortalità, popolazzjoni li qed tixjieħ u eżodu kontinwu miż-żoni rurali;
- B. billi r-reġjuni rurali u żvantaġġati ta' spiss ma jkunux jistgħu jiksbu l-istess indikaturi ekonomiċi għal perjodu ta' żmien speċifiku bħal reġjuni oħra, u dan f'xi każijiet jidher li jgħaliq problemi meta jiġu biex japplikaw għal appoġġ;
- C. billi l-ħaddiema agrikoli f'żoni rurali, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'żoni remoti, isofru minn żvantaġġi demografiċi u huma f'riskju ferm oġhla ta' faqar u esklużjoni soċjali;
- D. billi ż-żoni rurali li jsofru minn depopolazzjoni jistgħu jesperjenzaw abbandun tal-art u riskju akbar ta' nirien fil-foresti, u jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet fl-irkupru ekonomiku tagħhom²;
- E. billi, minbarra l-kwistjonijiet u t-tendenzi diġà stabbiliti, fid-dawl tal-pandemija, iridu jiġu riveduti l-politiki u l-istrumenti li jindirizzaw il-problemi demografiċi li jiffukaw primarjament fuq ir-rati baxxi ta' twelid u l-eżodu rurali, speċjalment fiż-żoni l-aktar skarsament popolati u vulnerabbli tal-Unjoni; billi l-politiki li jħeġġu rati oġhla ta' twelid iridu jiġu mħeġġa fl-Ewropa;
- F. billi l-kwistjonijiet relatati mal-bidliet demografiċi u mad-depopolazzjoni qed jittgħu piż kbir fuq iż-żoni rurali, dawk periferiċi u dawk skarsament popolati u fuq il-gżejjer, u qed ikollhom impatt negattiv fuq it-tixjijih, it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u l-iżvilupp agrikolu;
- G. billi l-politika ta' koeżjoni tagħti kontribut ewlieni għall-ilħuq tal-oġettivi tas-suq uniku diġitali fil-prattika, b'mod partikolari permezz ta' allokazjonijiet finanzjarji sinifikanti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR);
- H. billi ż-żoni rurali jikkostitwixxu 44 % tal-erja tal-wiċċ tal-Unjoni;
- I. billi waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-ekonomiji rurali hija s-sehem dejjem jonqos tal-agrikultura; billi d-data wriet li 10.7 % biss tal-bdiewa tal-UE

¹ Testi adottati, P8_TA(2017)0427.

² Forest fires — Sparking fire smart policies in the EU, il-Kummissjoni Ewropea (2018).

għandhom 40 sena jew inqas u li l-popolazzjoni tal-biedja qed tixjieħ, u dan se jkollu impatt fuq is-settur agrikolu;

- J. billi l-ħtiġijiet taż-żoni rurali quddiem it-tibdil demografiku jridu jiġu ssodisfati b'mod aktar ikkoordinat u effettiv;
 1. Jinnota l-gravità tal-problema demografika u r-rabta tagħha mar-realtà soċjoekonomika; iqis li huwa meħtieġ li jinħolqu opportunitajiet ġodda u investimenti li jħarsu 'l quddiem fiż-żoni rurali, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq tal-ikel reġjonali;
 2. Jenfasizza li l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-art, il-pagamenti diretti u l-appoġġ tal-politika agrikola komuni (PAK), kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fi hndhom, huma fost il-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex titwaqqaf is-sitwazzjoni reġjonali li sejra lura, l-anzjani jitħallew jirtiraw mill-agrikoltura u ż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jiftħu l-attività agrikola tagħhom;
 3. Jistenna l-introduzzjoni ta' programmi soċjali ta' koeżjoni ġodda bħal proġetti pilota ta' introjtu bażiku f'żoni rurali;
 4. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi żgurata d-disponibbiltà tas-servizzi fir-reġjuni, peress li t-tnaqqis tagħhom qed iħeġġeġ lill-anzjani jirtiraw aktar kmieni u jikkawilqu lejn il-bliet fejn dawn is-servizzi huma faċilment aċċessibbli;
 5. Jisħaq li d-depopolazzjoni kontinwa taż-żoni rurali, li twassal għal diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi u fil-provvista ta' kopertura tas-saħħa adegwata, mhux biss qed ikollha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji, peress li tirrappreżenta sfidi enormi fl-ilħuq tal-objettivi ambizzjużi deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u politiki oħra tal-UE bħall-PAK u l-politika ta' koeżjoni; jinsisti li l-investimenti koperti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew għandhom iqisu l-fatturi demografiċi;
 6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fl-iżvilupp tal-linji gwida politiċi għall-istrateġiji mill-Għalqa sal-Platt u għall-Bijodiversità, tieħu passi prattiċi biex iżżomm il-popolazzjoni rurali b'koordinazzjoni mal-Istati Membri, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali li jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-impjiegi eżistenti u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, u biex tagħmilha aktar attraenti għall-ħaddiema tas-sengħa, speċjalment f'reġjuni strutturalment aktar dgħajfa, b'mod partikolari permezz tar-rivalutazzjoni tal-attivitajiet agrikoli fir-reġjuni tagħna;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta ż-żewġ strateġiji biex ittejjeb il-mod kif jitqiesu s-settur agrikolu u ż-żoni rurali, filwaqt li jitqies li nuqqas ta' għarfien dwar l-agrikoltura huwa responsabbli għal għadd ta' kunċetti żbaljati dwar ix-xogħol li jagħmlu l-bdiewa u l-kontribut li jagħtu lill-ambjent;
 8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa ekonomiji lokali li joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi;
 9. Jitlob li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-amministrazzjonijiet, b'inqas rekwiżiti u ċertezza tad-dritt akbar, u dan għalhekk itejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għal finanzjament b'suċċess fil-prattika u jnaqqas l-ostakli għall-investment;

10. Jirrikonoxxi l-potenzjal kbir tal-ekonomija ċirkolari u tal-bijoekonomija fil-kisba ta' settur agroalimentari aktar effiċjenti; jitlob li jkun hemm dispożizzjonijiet regolatorji li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-agrikoltura biex jinħolqu opportunitajiet ġodda fiż-żoni rurali billi jiġu appoġġjati ż-żgħażaġh, titnaqqas il-burokrazija u jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-intraprenditorija;
11. Jissottolinja r-rwol fundamentali tal-PAK fiż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi fis-settur rurali u agrikolu, iżda jirrikonoxxi l-limitazzjonijiet tagħha; iħeġġeġ, għalhekk, li r-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni u l-fond għall-irkupru l-ġdid tal-Unjoni jiġu sfruttati b'mod aktar effettiv biex jintlaħqu l-ħtiġijiet taż-żoni rurali, billi jiġu kkonsolidati l-isforzi f'dan il-qasam u billi jinstabu forom ġodda ta' kooperazzjoni;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tingħata prijorità lill-ħolqien ta' opportunitajiet għas-suq tax-xogħol, billi tappoġġja t-tranżizzjoni enerġetika u tiżviluppa l-infrastruttura tat-trasport u tal-broadband sabiex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li huma l-kawżi ewlenin għall-migrazzjoni miż-żoni rurali;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pubblikazzjoni futura li tistabbilixxi l-viżjoni fit-tul tagħha għaż-żoni rurali tinkludi analiżi ddettaljata tar-rwol tal-agrikoltura, tat-trobbija tal-bhejjem u tal-forestrija bħala sisien tal-ekonomija rurali;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-impatt pożittiv u r-riżultati ta' suċċess tal-politika ta' koeżjoni fl-UE jiġu kkomunikati u ppubbliċizzati aħjar;
15. Jissottolinja l-potenzjal ta' agrikoltura sostenibbli f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi deċenti u fit-tul fiż-żoni rurali;
16. Jišhaq fuq il-ħtieġa li jitrawmu u jiġu żviluppjati proġetti li jippromwovu r-ritorn taż-żgħażaġh lejn iż-żoni rurali billi jappoġġjaw l-impjiegi taż-żgħażaġh, il-konnettività diġitali u l-intraprenditorija bl-użu tal-aħjar prattiki mill-Istati Membri;
17. Jirrikonoxxi li l-politiki li jindirizzaw bl-aktar mod effettiv l-isfidi demografiċi huma dawk li jfittxu objettivi fit-tul u li jirriżultaw minn konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali;
18. Jirrimarka li, minkejja d-dikjarazzjonijiet ripetuti tal-Kummissjoni, għad m'hemmx strateġija fit-tul li tippermetti liż-żoni rurali jiffaċċjaw l-isfidi demografiċi, it-theddida tal-faqar u l-aċċess limitat għas-servizzi;
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-kunsiderazzjonijiet demografiċi bħala parti integrali mill-istrumenti kollha tal-politika ta' koeżjoni; jišhaq fuq l-importanza li kwalunkwe inizjattiva tal-Unjoni tiġi kkoordinata bi strateġiji adottati mill-Istati Membri b'rispons għall-isfida demografika;
20. Iqis li l-istrateġiji l-ġodda tal-PAK għandhom ikunu flessibbli u jinkludu strumenti mfassla speċifikament biex jappoġġjaw id-diġitalizzazzjoni, il-mobilità rurali u l-iżvilupp ta' bliet intelliġenti;
21. Jirrimarka li l-politika ta' koeżjoni trid tiffoka b'mod aktar deċiżiv fuq l-innovazzjoni fiż-żoni rurali; jišhaq li r-riżorsi tal-PAK iridu jintużaw bħala parti minn sforz konġunt

biex jgħinu lill-irziezet tal-familja jibbenefikaw mill-innovazzjoni u mit-teknoloġiji l-ġodda;

22. Jisħaq li huma essenzjali miżuri li jiżguraw il-profittabbiltà ekonomika tal-agrikoltura għas-suċċess tal-politiki demografiċi mfassla biex jagħtu ħaġġa għida lill-komunitajiet rurali u biex jagħmluhom attraenti għall-ġenerazzjonijiet iż-żgħar;
23. Jitlob miżuri aktar ambizzjużi fil-livell politiku biex jipromwovu s-sostituzzjoni ta' ġenerazzjonijiet f'dan is-settur permezz ta' bidliet sostanzjali rigward il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-art u l-kreditu; ifittex appoġġ komprensiv tal-Unjoni għall-bdiewa żgħażaġħ permezz tal-adozzjoni ta' politiki lil hinn minn PAK li għandha tindirizza aktar objettivi b'inqas finanzjament;
24. Iqis li, sabiex titħeġġeġ l-integrazzjoni aktar effettiva tal-bdiewa żgħażaġħ u tal-bdiewa ġodda fl-attività agrikola, huwa imperattiv li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-azzjendi billi titnaqqas il-burokrazija u jiġu żgurati termini deċenti għall-bdiewa li jirtiraw;
25. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tan-nisa fl-agrikoltura; jitlob li jittieħdu miżuri fiż-żoni rurali biex ikun aktar faċli għan-nisa tal-ġenerazzjonijiet kollha li jibqgħu fl-ambjent immedjat tagħhom, u biex b'hekk jikkontribwixxu għall-qawmien mill-ġdid u għall-iżvilupp ulterjuri ta' dawn iż-żoni;
26. Jappoġġja inizjattivi li jtejbu l-kwalità tal-impjiegi rurali permezz tad-diversifikazzjoni u l-innovazzjoni; josserva li dan l-objettiv għandu jingħata prijorità fil-qafas tad-diversi strateġiji fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pjanijiet ta' azzjoni u għandu jittwettaq b'mod ikkoordinat mal-Istati Membri;
27. Jappoġġja l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni bil-għan li jiġi promoss ambjent rurali vibranti, dinamiku u ekonomikament vijabbli; jistieden lill-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-inizjattivi dwar bliet u rħula intelliġenti, biex tiżviluppa strument ġdid li jappoġġja lill-impriżi u n-negozji ġodda fiż-żoni rurali kontinentali u ultraperiferiċi, biex b'hekk tingħata wkoll spinta lin-nisġa ekonomika u produttiva tagħhom, sabiex titwitta t-triq għal ekonomija diġitali fiż-żoni rurali;
28. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-finanzjament tar-riżorsi rinnovabbli bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-bijoekonomija, li jistgħu jiġġeneraw impjiegi u jistgħu jgħinu fit-tiġdid ekonomiku ta' ħafna żoni rurali; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' moduli ta' taħriġ dwar ħiliet fil-kompjuter għar-reġjuni fejn dawn il-ħiliet mhumiex f'livell sodisfaċenti; jenfasizza li l-gruppi ta' azzjoni lokali taw kontribut sinifikanti għat-tiħiħ tal-interazzjonijiet bejn is-setturi ekonomiċi rurali u taw kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' żvilupp rurali;
29. Ifakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi jridu jibbenefikaw ukoll minn pjan ewlieni għas-saħħa pubblika sabiex jiġi żgurat li kull ċittadin f'dawn ir-reġjuni, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, ikollu aċċess għall-ilma tax-xorb;
30. Jenfasizza r-rwol ċentrali li għandhom l-inizjattivi għall-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità biex iżommu u jirrestawraw ekonomiji rurali lokali haġġin u li jirnexxu, u l-ħtieġa li jinżamm livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-approċċ Liaison Entre Actions

de Développement de l'Économie Rurale (LEADER); jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet tal-programm LEADER;

31. Jistieden lill-awtoritajiet rilevanti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' moduli edukattivi bħala parti mill-edukazzjoni obbligatorja li għandhom l-għan li joħolqu u/jew isaħħu r-rabta bejn l-istudenti fiż-żoni urbani minn naħa u attivitajiet u stili ta' ħajja f'żoni mhux urbanizzati min-naħa l-oħra, sabiex jizjed l-għarfien tal-ġenerazzjonijiet futuri u ż-żoni rurali u r-rabta bejniethom;
32. Jisħaq li l-investment f'dan il-qasam għandu jsir prijorità għall-FAEŻR;
33. Jisħaq li l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' mobilità u networking, kif ukoll l-appoġġ ta' miżuri innovattivi minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u snajja' u artiġjanat ta' ħila, huma meqjusa bħala fatturi ta' suċċess ewlenin għaż-żoni rurali;
34. Jinnota li sistema ta' mobilità effettiva hija wieħed mill-prerekwiżiti għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali, il-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp tal-potenzjal reġjonali; jisħaq li għalhekk jeħtieġ li jiġu allokati l-fondi meħtieġa għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-konnessjonijiet tat-trasport, li jistgħu jinkoraġġixxu lill-ġenerazzjonijiet anzjani jibqgħu fiż-żoni rurali għal aktar żmien u jattiraw liż-żgħażaġh minn ċentri urbani biex jaħdmu fil-kampanja;
35. Jiddeplora l-fatt li, għal darb'oħra, il-ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) mhuwiex ambizzjuż biżżejjed biex jissodisfa l-isfidi tal-involuzzjoni demografika; jikkritika t-tnaqqis li sar fiż-żewġ strumenti ewlenin tal-UE mfasla biex jipromwovu l-iżvilupp sostenibbli fiż-żoni rurali li jinsabu fil-kontinent u fir-reġjuni ultraperiferiċi (jiġifieri l-politika ta' koeżjoni u l-PAK); jiddeplora l-fatt li l-ftehim dwar il-QFP mhuwiex ambizzjuż biżżejjed biex jindirizza l-isfidi tat-tibdil demografiku;
36. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li r-reġjuni ultraperiferiċi huma l-ewwel li jiġu affettwati mit-tnaqqis fil-finanzjament għal programmi bħall-programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-periferiċità u l-insularità;
37. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li r-reġjuni ultraperiferiċi jsofru mill-insularità, mid-distanza ġeografika u min-nuqqas ta' perspettiva għaż-żgħażaġh tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 349 tat-TFUE għandu jippermettilhom jindirizzaw din il-kwistjoni;
38. Jitlob li jkun hemm pjan ewlieni biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti għall-impriżi kollha sabiex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jiksbu aċċess għall-impjiegi, biex tkun tista' titkompla l-attività ekonomika, u biex ikun hemm proviżjonament ta' pensjoni adegwata għall-ħaddiema li jkunu se jtilqu; jinnota li miżuri bħal dawn jagħmlu l-ekonomija rurali aktar attraenti, billi jibdeu bl-agrikoltura, u jkunu ta' benefiċċju għar-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni rurali fl-Ewropa.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.12.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 38 - : 7 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Drağoş Benea, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Cristian Ghinea, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Juozas Olekas, Pina Picierno, Maxette Pirbakas, Bronis Ropé, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Petros Kokkalis, Ruža Tomašić

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

38	+
PPE	Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Juan Ignacio Zoido Álvarez
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Juozas Olekas, Pina Picierno
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Cristian Ghinea, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Ulrike Müller
ID	Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Ivan David, Gilles Lebreton, Maxette Pirbakas
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Ruža Tomašić, Veronika Vrecionová
EUL/NGL	Chris MacManus
NI	Dino Giarrusso

7	-
Verts/ALE	Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropè, Sarah Wiener
EUL/NGL	Luke Ming Flanagan, Petros Kokkalis

0	0
---	---

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni